# Skejjel sekondarji ppremjati talli ressqu liż-żgħażagħ lejn in-natura

## Fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja Guardian Angel ippreżentati l-awards tad-Dinja Waħda Secondary 2017-18 u titnieda s-sena skolastika l-ġdida

Għall-ewwel darba, numru ta' skejjel sekondarji f'Malta llum ġew ippremjati għall-kisbiet tagħhom tul l-aħħar sena skolastika fi ħdan il-programm Dinja Waħda. Dan huwa programm nazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali mħaddem minn BirdLife Malta b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Edukazzjoni. Il-programm jimmira li jressaq lit-tfal u ż-żgħażagħ eqreb lejn in-natura u anke li jinstiga tibdil fil-mod kif iġibu ruħhom bil-għan li jwassal għal stili tal-ħajja aktar sostenibbli. Il-programm għandu l-appoġġ tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta.

Id-'Dinja Waħda Secondary Sustainability Awards' kienu ppreżentati dalgħodu waqt ċerimonja li saret fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja Guardian Angel (Kulleġġ San Ġorġ Preca) fil-Ħamrun mill-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana. L-udjenza kienet tinkludi uffiċjali edukattivi, għalliema u studenti.

Minbarra li matulha tqassmu l-unuri lil dawk l-iskejjel li ħadu sehem fi proġetti pilota tul l-2016, l-attività tal-lum serviet ukoll biex jiġi mniedi l-programm 'Dinja Waħda Secondary' għas-sena skolastika l-ġdida 2017-18.

L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta, li bdiet fl-1994, hija l-programm ta' edukazzjoni ambjentali tal-eNGO fl-iskejjel u għandha programmi separati għall-iskejjel primarji u dawk sekondarji. Il-programm tas-sekondarja għall-edukazzjoni ambjentali sostenibbli permezz tal-kurrikulu għandu l-iskop li joħloq il-kapaċitajiet, il-valuri u l-għarfien li jwasslu lill-parteċipanti biex isibu l-bilanċ meħtieġ biex jgħixu f'armonija mal-ambjent. Il-programm għandu tliet taqsimiet li jistgħu jieħdu sehem fihom l-iskejjel permezz tas-suġġetti tal-kurrikulu. Dawn huma 'Action for Biodiversity', 'Connecting with Nature' u 'Outreach for Awareness'.

Matul iċ-ċerimonja ta' dalgħodu, b'kollox tqassmu disa' *awards* bejn ħames skejjel li ħadu sehem fil-programm pilota Dinja Waħda fis-sekondarja. Dawn ġew ippremjati b'deheb, fidda jew bronż skont il-livelli ta' parteċipazzjoni f'kull waħda mit-tliet kategoriji msemmija hawn fuq.

**L-Iskola Medja tal-Blata l-Bajda**, Kulleġġ San Ġorġ Preca kisbet suċċess fit-tliet kategoriji u rebħet id-deheb għall-kisbiet tagħha fil-kategorija 'Action for Biodiversity', fidda fil-kategorija 'Outreach for Awareness' u bronż fil-kategorija 'Connecting with Nature'.

**Id-Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre tal-Wardija**, Kulleġġ Marija Reġina rebaħ żewġ *awards* f'żewġ kategoriji: deheb fil-kategorija 'Connecting with Nature' u fidda fl-'Action for Biodiversity' filwaqt li **l-Iskola Sekondarja ta' Ħad-Dingli**, Kulleġġ San Nikola rebħet il-bronż f'żewġ kategoriji: fit-taqsima 'Action for Biodiversity' u fit-taqsima 'Outreach for Awareness'.

Finalment, **l-Iskola Sekondarja tal-Imrieħel,** Kulleġġ Santa Tereża ngħatat l-*award* tad-deheb fil-kategorija 'Action for Biodiversity' filwaqt li **ċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja Guardian Angel** fi ħdan il-Kulleġġ San Ġorġ Preca rebaħ l-unur tal-bronż fil-kategorija 'Connecting with Nature'.

Rappreżentanti tal-iskejjel kollha għamlu preżentazzjoni qasira dwar ix-xogħol tagħhom fi ħdan Dinja Waħda qabel ma ġew ippreżentati bl-*awards*. Din hija l-ewwel sena li qed tiġi offruta skema ta' unuri marbuta mal-programm Dinja Waħda għall-iskejjel sekondarji. Il-programm tas-sekondarja jsegwi s-suċċess tal-programm Dinja Waħda fl-iskejjel primarji. Dan il-programm tal-primarja hu bbażat fuq l-Action Guide għall-attivitajiet marbutin mal-kurrikulu li jressqu lit-tfal qrib in-natura. Il-programm tas-sekondarja għandu l-istess missjoni edukattiva imma l-metodu jvarja skont il-kurrikulu ta' suġġetti speċjalizzati li hemm fl-iskejjel sekondarji.

Desirèe Falzon, il-koordinatriċi tal-programm Dinja Waħda Secondary, spjegat kif kull waħda mit-tliet kategoriji li fuqhom huwa bbażat il-programm Dinja Waħda għall-iskejjel sekondarji tindirizza l-kawżi li qed iwasslu għall-istil ta' ħajja mhux sostenibbli li qed ngħixu fiż-żminijiet tal-lum. L-ewwel waħda, 'Action for Biodiversity', tilqa' għall-qerda dejjem tikber tal-ambjent naturali billi tħajjar lill-istudenti joħolqu spazji naturali fl-iskejjel tagħhom bħala parti mil-lezzjonijiet. It-tieni kategorija, 'Connecting with Nature', tindirizza n-nuqqas ta' esperjenzi għat-tfal fin-natura permezz ta' programm ta' lezzjonijiet li jitwettaq proprju fl-ambjent naturali. It-tielet kategorija 'Outreach for Awareness' tiffoka fuq kwistjonijiet ambjentali lokali u tħeġġeġ lil dak li jkun jaħseb b'mod kritiku dwar il-kawżi u s-soluzzjonijiet, inkluż b'azzjonijiet fi gruppi.

F'kummenti waqt l-attività tal-lum, l-Education Officer ta' BirdLife Malta Sarah Brady faħħret lil dawn l-iskejjel għall-impenn tagħhom favur l-edukazzjoni ambjentali sostenibbli u ħeġġet aktar skejjel sekondarji biex jadottaw il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta. Hi rringrazzjat lill-Kap tal-Iskola Guardian Angel talli ospita din l-attività u spjegat li l-għanijiet ta' Dinja Waħda huma mibnija fuq il-missjonijiet ta' BirdLife Malta li tħares l-għasafar, il-ħabitats u l-bijodiversità billi taħdem qrib in-nies favur l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmuż:**
Sommarju tal-programm Dinja Waħda Secondary 2017-18 (ENG)

**Ħoloq utli:**
Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta:
http://birdlifemalta.org/education/dinja-wahda

Il-programm Dinja Waħda Secondary ta' BirdLife Malta:
http://birdlifemalta.org/education/dinja-wahda/secondary-education

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/DeaUjEwbcH**
Għażla ta' ritratti mill-attività ta' dalgħodu li matulha ngħataw id-Dinja Waħda Secondary Awards u tnediet is-sena skolastika l-ġdida. *Ritratti ta' Veerle van Werde.*

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/DmNiQEm7Z4**
Filmati tal-attività ta' dalgħodu li matulha ngħataw id-Dinja Waħda Secondary Awards u tnediet is-sena skolastika l-ġdida. *Filmati u muntaġġ ta' Veerle van Werde.*